MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 1211/2009

**Ta' Dwardu Limited**

**-vs-**

**Joseph Debattista**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fil-11 ta' Diċembru, 2009 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi Ta' Dwardu Limited ippremettiet:

Illi l-intimat qiegħed jokkupa l-fond 306 Victory Street, Qormi.

Illi l-intimat qed jokkupa l-post b'mera tolleranza u l-esponenti ripetutament talbu jiżgombra u għalhekk m'għandu l-ebda titolu validu fil-liġi sabiex jokkupa l-istess.

Illi l-esponenti bħala direttur tas-soċjeta` rikorrenti jikkonferma l-fatti hawn kontenuti li huma a konjizzjoni tiegħu personali u *inoltre*, jiddikjara illi l-intimat m'għandux eċċezzjonijiet validi xi jressaq.

Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddeċiedi l-każ bid-dispensa tas-smiegħ a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jiżgombra mill-fond 306 Victory Street, Qormi fi żmien qasir u perentorju li jiġi hekk lilu prefiss.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni u b'rizerva għal kwalsijasi azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta' attriċi u l-lista tax-xhieda.

Semgħet lill-avukati;

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum li permezz tiegħu l-kawża ġiet posposta għas-sentenza billi l-Qorti ċaħdet it-talba tal-konvenut biex jikkontesta l-kawża (*stante* li dehrilha li l-konvenut ma kellux eċċezzjoni valida xi jressaq).

Billi għalhekk it-talba attriċi tirriżulta ppruvata;

**Tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi, u għall-fini tal-iżgumbrament tipprefiġġi terminu ta' erba' xhur. Spejjeż ikunu a kariku tal-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------